TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/254/16/S

Marcelle u George Camilleri
Vs
MDO Services Gozo Ltd.

Illum 18 ta'Mejju,2017.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Marcelle u George Camilleri pprezentata fit-3 ta'Jannar,2017 u r-risposta tas-socjeta intimata pprezentata fit-2 ta'Frar,2017;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u lir-rapprezentanti taghhom, kif ukoll it-trattazzjoni taghhom maghmula fid-9 ta'Marzu,2017;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda lenti 'varifocal' li bdew ituha fastidju mentri s-socjeta intimata kellha dubbji kif ghall-ewwel il-lenti kienet tajba u wara xi jiem, ma baqitx tajba;

Illi mill-provi jirrizulta li mhux l-ewwel darba li r-rikorrenti kellha dawn it-tip ta' lenti u ghalhekk hemm il-prezunzjoni li din kienet drat dawn it-tip ta'lenti;

Illi hemm diversi fatturi li jridu jittiehdu in kunsiderazzjoni f'ilment simili ghal dak tar-rikorrenti;

Illi biex l-azzjoni tar-rikorrenti tirnexxi, hija riedet tipprova li s-servizz moghti mis-socjeta intimata ma kienx wiehed professjonali jew li l-lenti kienu zbaljati;

Illi skont l-istess rikorrenti, ir-ricetta kienet tajba[1];

Illi mill-atti ma hemmx prova li l-lenti huma hziena jew difettuzi;

[1] Ara Dok MC1

Illi ma ingabet ebda prova mir-rikorrenti li l-lenti saru b'mod mhux professjonali daparti tas-socjeta intimata;

Illi min-naha l-ohra dan it-Tribunal ihoss li s-socjeta intimata damet biex taghti s-servizz minnha mitlub tenut kont li qed nitkellmu fuq oggett bzonnjuz ta' kuljum;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi suggett ghal dak li qed jinghad iktar 'l isfel, Jichad it-talba ta' Marcelle Camilleri u George Camilleri filwaqt li Jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta MDO Services Gozo Ltd, b'dan li mill-ammont dovut mir-rikorrenti ghandha titnaqqas is-somma ta' €75 stabbilita *ex aequo et bono* minhabba d-dewmien esagerat ghal oggett daqshekk bzonnjuz. Kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru